**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carmel Sacco**

**Kumpilazzjoni numru. 710/21**

**Illum 04 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-akkuzi mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva li jaqraw:

Carmelo Sacco bin Leonard u Francesca xebba Schembri imwieled Pieta' nhar it-8 ta' Mejju 1965 residenti bl-isem 'Il-Harruba l-Kbira', Triq il-Karmnu, Birzebbugia u detentur tal-karta tal-identita' 245965M

Billi int akkuzat talli matul il-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Lulju, 2021 gewwa Triq Hal Far, Birzebbuga:

1. Gieghelt annimali jsofru ugiegh, tbghatija jew dwejjaq minghajr bzonn, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zammejt jew qbilt li zzomm annimali minghajr ma kont responsabbli ghat-trattamet xieraq taghhom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, inqast milli tiehu dawk il-passi ragonevoli f'kull cirkostanza sabiex tizgura li l-htigijiet tal-annimal li int kont responsabbli ghalihom jew li qbilt li tiehu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri ta' l-annimali li jinkludu fost ohrajn l-provvista ta' akkomodazzjoni xierqa u protezzjoni minn ugiegh, tghatija, korrimenti u mard8, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Talli abbandunajt l-kelb f'post pubbliku minghajr ma kont mieghu u dan bi ksur tas-subregolament 2 tar-regolament 6 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 437.101.[1]

Semghet ix-xhieda.

Hadet nota li l-imputat wiegeb MHUX hati waqt is-seduta tat- 3 ta' Novembru 2022.[2]

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja[3].

[1] Fol. 1 u 2 tal-process.
[2] Fol. 18 tal-process.
[3] Fol. 3 tal-process.

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih fis-seduta tal-21 ta‘ Gunju 2023 wara li gie debitament imwissi bil-konsegwenzi ta‘ tali ammissjoni u inghata cans jirrifletti fuq dan.[4]

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkuzi, l-Qorti ssospendiet fattwalment is-smiegh tal-kawza u tat zmien lill-imputat sabiex jerga’ jikkonsulta mal-konsulent legali tieghu u jerga’ jikkunsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat illi l-imputat rega‘ afferma l-ammissjoni tieghu.

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega’ afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess;

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena.

[4] Fol. 53 tal-process.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda abbandun ta‘ kelb, ossija geru, f‘santwarju tal-klieb fi Triq Hal-Far Birzebbugia bejn 10 u 11 ta‘ Lulju 2021 mill-imputat. Milli jidher l-imputat mar bil-geru fis-santwarju, sab il-bibien maghluqa u ma fetahlu hadd u iddecieda minn jeddu li jitfa‘ l-geru mir-recint li jaghti ghall-partijiet esterni tal-istess propjeta‘. Dan il-geru gie misjub sieghat wara minn membru li jiehu hsieb is-santwarju li irraporta dan il-fatt lill-pulizija li bdew jinvestigaw. Jidher ukoll li l-imputat wara xi sieghat iddispjacih ukoll tal-fatt li abbanduna l-geru kif hawn fuq deskritt u cempel lis-santwarju biex jiehu l-geru lura. Fil-fatt dawn irrifjutaw u l-imputat gie mitkellem mill-pulizija fejn ikkollabora maghhom dwar dan il-kaz.

**Il-Provi**

**PS 217 Italo Mizzi** xehed li kien infurmat mill-Ispettur Eliott Magro fit-12 ta‘ Lulju 2021 li kein hemm persuna fl-AAA li xtaqet taghmel rapport. Hu mar fuq il-post u sab lil Rosalina Agius li taghtu akkont ta‘ kif sabet geru li instab fil-perimetru tas-santwarju u ma jistax ikunu li dahal hemm hlief jekk xi hadd ma waddbux minn fuq ir-recint tal-perimetru. Qaltlu ukoll li l-persuna li ramiet il-kelb kienet cempel xi ftit sieghat wara u ried il-kelb lura u hija ma tatulux. L-imputat gie

imsejjah fil-kwartieri tal-EPU u wara li inghatawlu d-drtittijiet tieghu u huwa ikkonsulta mal-konsulent legali ta‘ l-ghazla tieghu, huwa wiegeb ghad-domandi kollha li ghamlulu l-pulizija. Hu qal li mar fuq il-lok indikat u wara li sab kollox maghluq u hadd ma fetahlu iddecieda li jitla fuq il-kabina tal-vettura, tellaghha fuq il-bankina u xehet il-kelb minn fuq il-fence ghall-isfel.[5]

Xehed **PC 789 Melvyn Said** li bazikament kien mas-surgent waqt l-istharrig li sar fuq il-post kif ukoll meta gie mitkellem l-imputat fil-kwartieri tal-EPU.[6]

Xehdet **Rosalinda Agius** waqt is-seduta tat- 22 ta’ Marzu 2023 fejn qalet li hija sabet il-kelb fis-santwarju tal-AAA f‘ Birzebbugia. Hija tat deskrizzjoni ta‘ kif instab il-kelb u meta dan instab infurmat lill-pulizija[7]. Qalet ukoll li xi hin wara fil-ghaxija tal-gurnata tas-sejba irceviet messagg minn certa Warren Sacco fejn qalilha li kien harablu il-kelb u xi hadd waddbu ghandhom. Tghid ukoll li sa dak il-hin diga‘ kellha l-isem tal-imputat wara li kienet tellghet post fuq dak li gara. Tishaq li lil Warren qaltlu li kienet taf li misssieru, ossija l-imputat kien rema‘ il-geru. Qaltlu ukoll li kien diga‘ sar ir-rapport. Izzid tghid li l-ghada ossija il-11 ta‘ Lulju 2021 sabet lill-imputat wara l-bieb u ried il-geru lura. Hija ma taghtulux. Tispjega li l-geru kein intefa‘ minnu madwar sular u ma gralu xejn ghax waqa‘ ghal fuq il-haxix. Tghid ukoll li kieku twaddab xi metri ‘l fuq kien jigi go gagga ta‘ kelb feroci

[5] Fol. 19 tal-process.
[6] Fol. 32 tal-process.
[7] Fol. 39 tal-process.

li litteralment joqtol il-klieb. Minn hemmek hija tghid li ghaddiet ir-rapport u spiccat tixhed f' dawn il-proceduri.

Xehdet **Martha Gatt**[8] fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2023 in rapprezentanza tal-micro chipping Deartment fi hdan is-Servizzi Veterinarji li spjegat illi l-imputat ma jidher li ghandu l-ebda animal registrat fuqu.

**Ikkunsidrat:**

**L-Akkuzi**

Illi minghajr dubbju l-akkuzi fil-konfront tal-imputat huma ta' natura serja. Huwa vera li wara ftit sieghat mill-fatt l-imputat iddispjacih minn dak l-ghamel, pero' jibqa' l-fatt li anki minhabb l-eta' mhux govanili tieghu, l-imputat missu ma kienx impazjenti u ladarba ried li l-kelb ikollu possibilita' ta' dar gdida messu hadu lura mieghu u ipprova jmur is-santwarju hinjiet jew granet wara. Minflok huwa ghazel li jehles minnu dak il-hin, tella' il-vettura fuq il-bankina, tela' fuq il-kabina, qabbzu ir-recint gholi u bl-ebda kuranza ramieh fuq il-parti l-ohra tar-recint. Il-kelb ma jidhirx li garreb xi griehi fizici.[9]

Il-Qorti ma tistax tittollera li l-annimali jigu mahqura, abbandunati u sfruttati b'dan il-mod[10]. Min jerfa' ir-responsabilita' li jkollu fil-pussess tieghu l-annimali jrid jara jiehu hsiebhom b'imhabba, kura u attenzjoni. Wara kollox l-annimal jaghti dan kollu u iktar lill-bniedem

[8] Fol. 50 tal-process.
[9] Fol. 27 sa 30 tal-process fejn jidher ir-recint u il-kelb.
[10] Ara definizzjoni wiesa' ta' x' inhi ***mohqrija*** taht l-istess artikolu 2 tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

u allura huwa sew li l-bniedem jaghmel dak kollu possibbli biex l-annimal jghix hajja dinjituza.

**Ikkunsidrat:**

Illi meta l-kawza thalliet ghall-provi tad-difiza, l-imputat ghazel illi jammetti l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi stante ammissjoni l-akkuzi migjuba kontra l-imputat jirrizultaw pruvati u ghalhekk il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi l-Qorti ghalhekk fuq ammissjoni qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Ghal dak li jirrigwarda piena, wara li l-akkuzat ammetta l-akkuzi kollha kif migjuba kontrieh il-Qorti qieset is-segwenti fatturi:

1. Il-gravita‘ tal-akkuzi addebitati lilu;
2. L-eta' tal-imsemmi geru u l-kundizzjoni li instab fiha;
3. Il-fedina penali tal-imputat;
4. L-eta' mhix zghira tal-imputat;
5. Il-fatt li l-geru ma garrabx griehi fizici imma possibiliment biss trawma ghal fatt li gie abbandunat f'ambjent li ma kienx jaf u kien wahdu ghal diversi sieghat;
6. Il-fatt li l-imputat iddispjacih mill-ewwel ghal dak li ghamel;

7. Il-fatt li ikkollabora bis-shih mal-pulizija;
8. Il-fatt li ma ammettiex l-akkuzi mill-ewwel u hela l-hin tal-pulizija u tal-Qorti meta ma kellux difiza x‘joffri;

Il-Qorti tqis ukoll stante illi l-kaz sehhbejn l-10 u l-11 ta‘ Lulju 2021 allura l-piena applikabbli hija regolata mil-ligi kif vigenti f’dak iz-zmien u cioe qabel ma sar it-tibdil fil-ligi permezz tal-Att I tal-2023.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 8(2), 8(3), 8(4), u 45 tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta‘ Malta kif ukoll il-legislazzjoni sussidjarja 437.101 tal-Ligijiet ta’ Malta qed issib lill-imputat **Carmel Sacco** Hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u qed tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ elfejn Ewro (€2,000).

**Dr Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Magistrat**

**Victor Deguara**

**Deputat Registratur.**